— U, iva; dawn kewtieli — weġibha l-werżieq, qatgħelha kliemha.

— Għidli ħaġa : inti fis-sajf x'kont tagħmel?

— Indoqq u ngħanni.

— Mela iżfen issa, ħalli tisħon — qaltlu. — Għax int fis-sajf iddoqq u żżammar u jien inġorr u ntammar — u tebqet qajl qajl il-bieb f'wiċċu u daħlet ġewwa.

*Min jittiekel għal bormet ġaru jibqa' bil-ġuħ.*

---

## TIFKIRIET

*Ta'* WALLACE GULIA

Tifkiriet ta' qlub maħqura
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl;
Tifkiriet t'għajnejn miksura,
Dmugħ l-imħabba kollu għalxejn.
Itilquni,
Winsuni,
Ġewwa d-dalma ta' bil-lejl.

Tifkiriet ta' qirda ġejja
Minn ġo l-iżraq tas-smewwiet.
U nirien, nirien f'għajnejja,
U taqtigħ fil-ħemda u skiet—
Tfakkrunix,
Tħallunix
Nerġa' nġarrab diq l-imwiet!

Ejja Inti tul l-iljieli
B'dawk għajnejk il-maħbubin :
Qisek warda minn tax-xtieli
B'dawl ix-xmejxa imbewsin :
Fis-sigħat
Tal-kruhat
Meta jaħkmu ta' l-imgħoddi l-jiem u s-snin!



# Coleridge u Malta

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

KULL min studja l-Ingliż jaf b'Samuel Taylor Coleridge, l-awtur ta' l-*Ancient Mariner*, dik il-ballata tal-għaġeb li ssaħħar it-tfal ta' l-iskejjel kollha. Coleridge jingħadd ma' l-aqwa poeti Ingliżi u jitqies ma' Wordsworth, Shelley u Keats li kienu tal-qatgħa tiegħu.

Dik il-ħabta li għax Coleridge kien hawn xejra ġdida fil-ħajja intellettwali u kulturali Ingliża : kienu għadhom kemm spiċċaw il-gwerer ta' Napuljun u l-Ingliżi, għajjenin mit-taħbit u t-tweġħir tal-gwerra, tawha għall-mistrieħ u għall-għaxqa ta' l-arti u tal-ġmiel. In-nies ħasset ġibda qawwija lejn il-ġmiel tal-ħolqien u bdiet titgħaxxaq bid-dehriet ta' muntanji, siġar u lagi msieddqin u msebbħin kif fasslithom u sawrithom in-natura.

Din il-għożża tal-ġmiel naturali tal-pajjiż nisslet tqanqila patrijottika u l-poeti, li fil-versi tagħhom dejjem jirriflettu s-sentimenti tal-poplu, infexxu f'għana ta' tifħir għall-ġmiel naturali ta' pajjiżhom. X'uħud ħallew l-ibliet u marru jgħixu qalb il-ħdura tar-raba'. Southey, Wordsworth, De Quincey, Hazlitt, Scott, Lamb u Coleridge inġibdu mis-seħer ta' ġmiel il-kampanja u kitbu poeżija tal-għaġeb fuq dak il-ġmiel li jgħaxxaq il-qalb u jserraħ il-moħħ. Fuq hekk tlaqqmu *Lake Poets*, poeti tal-lagi.

Wordsworth u Coleridge kienu l-aqwa fost il-poeti tal-lagi; l-ewwel wieħed ħelu u sieber, it-tieni ħawtiel u ħarkien; bejniethom tnisslet ħbiberija li żammet sħiħa u qawwija sakemm intemmu.

Coleridge twieled fil-21 ta' Ottubru, 1772 u f'għeluq is-seklu, għalkemm żagħżugħ, kien għamel isem u beda jissemma ma' l-aqwa poeti ta' żmienu. Fil-bidu tas-seklu dsatax kien kiteb *Ancient Mariner*, *Dark Ladie*, *Christabel*, *Osorio*, *Three Graves*, *Fears in Solitude*, *France*, *Kubla Khan*, u *Lyrical Ballads*. Dawn il-poeżiji mill-ewwel ingħażlu għalihom u dehru bħal ġawhar jiddu fil-Letteratura Ingliża u wkoll bħala xhieda ta' qawwet il-moħħ tal-poeta u tal-lehma saħħarija ta' dehnu. Għorrief u letterati faħħru l-poeta u stagħġbu bih; min żammu bħala poeta tal-għaġeb u min bħala artista mill-aqwa, iżda kollha qalu li Coleridge kien ġenju kbir. Hazlitt kiteb : "Coleridge hu l-uniku bniedem li għandu kulma jeħtieġ biex jitqies bħala ġenju". De